# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 20**

**Rikors numru 990/12/1 GM**

**Carmelo Grech u Gulf Fisheries Limted (C-41709)**

**v.**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Preliminari:**

1. Din il-kawża tirrigwarda l-qbid ta' sigaretti (nota ta' qbid nru 46/2012) u l-qbid tal-bastiment MAE YEMANJA (nota ta' qbid nru 47/2012). L-atturi ntavolaw din il-kawża kontra d-Direttur Ġenerali (Dwana) għaliex isostnu li l-imsemmija noti ta' qbid inħarġu arbitrarjament u nġustament. Huma talbu lill-Qorti sabiex:

(1) tiddikjara li n-noti ta' qbid inħarġu inġustament u li għandhom jiġu revokati;

(2) tordna r-rilaxx tal-merkanzija u tal-bastiment jew tal-garanzija tal-valur reklamat mill-konvenut li jista' jinstab depożitat in sostituzzjoni tal-bastiment;

(3) tillikwida d-danni konsegwenzjali;

(4) tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati; u

(5) in linea sussidjarja u alternattiva tiddikjara li l-valur tas-sigaretti (u d-dazju fuqu) għandu jiġi ridott; u li kull somma depożitata minflok il-bastiment għandha tiġi ridotta minn €35,000 għal €15,000.

2. L-ewwel Qorti:

- ċaħdet l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) talba;

- laqgħet il-ħames (5) talba u rriduċiet il-valur tat-taxxa minn €82,603.39 għal €37,112.40; u

- laqgħet it-tieni (2) talba u ordnat li fi żmien xahar minn meta titħallas it-taxxa jiġu rilaxxati l-merkanzija u l-garanzija bankarja relatata mal-bastiment.

Bl-ispejjeż kontra l-attur.

3. Minn tali deċiżjoni appellaw kemm l-atturi, permezz ta' appell prinċipali, u kif ukoll il-konvenut, permezz ta' appell inċidentali.

(a) **Fl-appell prinċipali tagħhom**, l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tirriforma s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fejn ċaħdet l-ewwel, it-tielet, u r-raba' talbiet, u takkolji l-istess talbiet favur tagħhom.

2. Tikkonfermaha in kwantu għat-tieni talba billi ordnat ir-rilaxx ta' kull oġġett skont in-nota ta' qbid 46/2012 pero` tordna r-rilaxx tas-somma ta' €26,000 iddepożitati għand id-Direttur Ġenerali (Dwana) fil-qbid 47/2012 in sostituzzjoni tal-bastiment. Illi peress li s-sigaretti huma llum distrutti din il-Qorti għandha teżentahom milli jkunu obbligati jħallsu d-dazju u taxxi relattivi *stante* li tali sigaretti ġialadarba kienu dikjarati setgħu jibqgħu *in bonds* u ma jkunx skatta l-ebda obbligu li jitħallas dazju *purche* jiġu esportati barra minn Malta jew distrutti.

3. Tiskarta jew tikkonferma l-ħames talba kif milqugħa mill-ewwel Qorti fl-każ illi jibqgħu miċħuda l-ewwel, it-tielet u r-raba’ talbiet.

Bl-ispejjeż kollha kontra d-Direttur Ġenerali tad-Dwana.

(b) **Fl-appell inċidentali tiegħu**, id-Direttur Ġenerali (Dwana) talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel it-tielet u r-raba’ talba u tħassarha fejn laqgħet it-tieni u l-ħames talba rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

4. Għal intendiment aħjar ta’ dawn l-appell din il-Qorti qed tirriproduċi s-sentenza appellata:

“Il-Qorti,

Rat it-Talba Maħlufa li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta:

Illi huwa l-Kaptan tal-Bastiment MAE YEMANJA li għandu IMO Official Number 702749 liema bastiment huwa proprjeta` tal-kumpannija Gulf Fisheries Limited liema bastiment huwa reġistrat bħala Bastiment Kummerċjali skond id-dokument A u B annessi.

Illi bħala Kaptan tal-istess bastiment jopera kummerċjalment fil-ġarr tal-merkanzija varja u kien strumentali għall-ġarr ta’ mediċinali u pprovvisti essenzjali fil-kunflitt tal-gwerra Ċivili li seħħet fil-Libja fis-sena 2011/2012, kif wkoll għall-evakwazzjoni ta’ persuni u tobba li twasslu l-Libja sabiex jassistu l-feruti fil-kunflitt.

Illi fil-lejl bejn 15 u 16 ta’ April 2012 meta r-rikorrent kien qiegħed jittenta jidħol fil-Port Valletta kellu problemi ta’ natura mekkanika fl-imsemmi bastiment u tali emerġenza per neċessita` kienet tirrikjedi illi huwa ma jitrakkax iżda joħroġ barra l-Port sabiex jimmanuvra u jittenta jsib alternattiva għall-ħsarat.

Illi l-bastiment Kummerċjali kellu abbord merkanzija konsistenti f'sigaretti dettaljati fin-nota ta' Qbid numru 46/12 liema sigaretti kienu destinati għall-konsenja effettiva u leġittima kif awtorizzat jagħmel r-rikorrent fl-eserċizzju tal-kummerċ fl-imsemmija prodotti.

Illi l-imsemmija prodotti konsistenti f'sigaretti tad-ditta Walton u Capital mhumiex sigaretti kummerċjalment fis-suq lokali u Ewropew u ma kien hemm ċertament ebda intenzjoni jew possibilita li dawn kienu qatt intizi għal kummerċ fis-suq lokali. Dawn baqgħu abbord għaliex jifformaw parti min konsenja ferm akbar li ġiet imqassma ġewwa l-Libja fil-Port ta' Misurata u din il-konsenja kellha tiġi ikkonsenjata lil terzi liema terzi ma kienux posizzjoni li jieħdu l-konsenja u għalhekk baqgħet abbord.

Illi l-imsemmija prodotti ġew inġustament issekwestrati flimkien mal-Bastiment MVF – MAE YEMANJA proprjeta tal-kumpanija Gulf Fisheries Limited u dan skond Nota ta' Qbid 46/12 in kwantu s-sigaretti u Nota ta' Qbid numru 47/2012 in kwantu l-imsemmi Bastiment.

Illi l-Qbid kien illeġittimu u irregolari u l-Kontrollur tad-Dwana u l-uffiċjali ssekwestraw tali merkanzija u l-Bastiment inġustament stante illi r-rikorrent informa lill-uffiċjali li l-merkanzija kienet koperta bid-dokumenti opportuni u kien hemm kull intenzjoni li l-oġġetti jiġu dikjarati lid-Dwana, iżda minkejja dan, il-Kontrollur xorta ordna s-sekwestru u l-Qbid.

Illi mad-dħul tal-Basitment effettivament ġew iddikjarati iżda l-Uffiċċjal ma ridux jagħtu kopja tad-dikjarazzjoni u li baqgħet qatt ma ngħatat. L-atturi dejjem informaw lill-uffiċjali illi l-merkanzija kienet koperta bil-Bil of Lading u Cargo manifest opportun.

Illi l-Kontrollur tad-Dawna sussegwentement issekwestra sija l-Bastiment kif wkoll kull merkanzija mgħobbija fuq l-istess u nħargu n-Noti ta' Qbid 46/12 u 47/12 rispettivament li ġew notifikati lir-rikorrenti fil-31 t'Awissu 2012 skond Dokument C u D.

Illi l-imsemmija Noti ta' Qbid numru 46/12 u numru 47/12 inħarġu intortament u inġustament state illi r-rikorrenti huma totalment estranji minn kull allegazzjoni jew ksur tal-Ordinanza tad-Dwana kap 37 u mill-Att dwar id-Dazju tas-Sisa kap 4 382 tal-Liġijiet ta' Malta u kienu awtorizzati fl-ezerċizzju tal-Kummerċ tagħhom li jkollhom tali merkanzija.

Illi kif jista' jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; il-konvenut qed jitlob il-Qbid ai termini tal-Artikolu dettaljati fl-imsemmija Noti ta' Qbid.

Illi r-rikorrenti ma jistgħux qatt jkun misjuba ħatja bi ksur tal-Artikoli 60(b), (h), (k), Artikolu 68(1) u 69(1), (2), tal-Ordinanza tad-Dwana

kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikoli 17(1)(a)(d) u 17(2) tal-kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi kien proprju fl-eserċizzju tal-kummerċ leġittimu u previst mil-Liġi li kellhom abbord il-bastiment l-imsemmija prodotti.

Illi l-konvenut minkejja li ġie debitament interpellat sabiex jirilaxxa l-imsemmija oġġetti dettaljati fin-nota ta' Qbid numru 46 u 47/12 proprjeta tar-rikorrenti u l-intimat ntalab illi jirrevoka, jirtira u jannulla l-istess Noti ta' Bdid u jirritorna l-pussess effettiv tal-oġġetti maqbuda, baqa' inadempjenti permezz ta' ittri debitament nnotifikati lill-intimat fit-12 ta' Settembru 2012.

Illi l-Qbid tal-Bastiment inoltre effetwat l-attivita` kummerċjali tal-attur li huwa mizmum mill-eserċizzju tal-kummerc sakemm din tiġi rilaxxata u dan qed jikkawza danni finanzjarji kontinwi u inġenti.

Illi l-istima tal-valur tas-sigaretti kontenuta fin-nota ta' Qbid 46/2012 fi kwalsiasi kaz hija inkorretta u ma tirrispekkjax il-valur rejali tal-oġġetti li jiswew ferm anqas kif jikkonfermaw id-dokumenti li ser jiġu esebiti u kif a tempo vergine kkonfrma l-attur. Ukoll il-valutazzjoni tal-Bastiment Mae Yemanja fl-ammont ta' €35,000 mhuwiex il-valur rejali stante li kif jidher f'dokumenti uffiċjali dan inxtara mill-atturi għas-somma ta' €15,000 fis-sena 2002.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi n-noti ta' Qbid numru 46/2012 u 47/2012 inħarġu inġustament b'mod arbitrarju u inġust u għalhekk għandhom jiġu revokati.

2. Tordna lill-konvenut jirrilaxxa kull oġġett jew merkanzija miżmuma fil-pussess tiegħu li tappartjeni lir-rikorrenti u tordna r-rilaxx tal-Bastiment jew ir-rilaxx tal-garanzija u depożitu tal-valur reklamat mill-intimat u li jista jinstab iddepożitat in sostituzzjoni tal-imsemmi vapur.

3. Tillikwida d-danni kollha eventwali u konsegwenzjali għal dan il-qbid inġust u zbaljat.

4. Tikkundannah li jħallas lill-atturi kwalsiasi ammont li jiġi hekk likwidat in linja ta' danni minħabba dan il-qbid ta' oġġetti u tal-imsemmi bastiment li għandhom jinkludu fost l-oħrajn il-valur kummerċjali ta' l-oġġetti li llu ċertament skadew u l-prezz jew devalwazzjoni u ħsarat ikkawzati fuq il-istess bastiment u/jew l-interessi legali li jinkorru fuq kull somma hekk depositata in sostituzzjoni tal-eventwali rilaxx tal-istess bastiment ai termini tal-Artikolu 72(4) ta-kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. In linja sussidjarja u alternattiva fil-kaz illi l-ewwel erbgħa talbiet ma jigux milqugħa l-attur jitlob li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara n-noti tal-qbid 46/2012 irregolari in kwantu l-valur tas-sigaretti għandu jiġi

ridott u konsegwentement kull dazju relattiv ridott skond l-istess valur. In kwantu l-valur tal-Bastiment fin-nota ta' Qbid 47/2012 u kull somma depositata minflok l-istess għandha tiġi ridotta għas-somma ta' €15,000 u tordna għalhekk ir-rimbors ta' €20,000 bilanċ tal-istess depositu mitlub irregolari.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tad-Direttur Ġenerali (Dwana) li permezz tagħha eċċepixxa:

(1) Illi l-qbid tal-konsenja ta' sigaretti li kienet tinstab fuq il-MV MAE YEMANJA u l-qbid ta' l-imsemmija lanċja permezz tan-Noti ta' qbid li jġibu n-numri ta' referenza 46 u 47 tas-sena 2012 rispettivament, sar mill-esponent peress li fuq l-istess lanċja nstabet kwantita` ta' sigaretti u ċioe (2,283) elfejn, mitejn u tlieta u tmenin kartuna b'(200) mitejn sigarett kull kartuna li fuqhom ma kienux tħallsu t-taxxi ta' importazzjoni, tas-Sisa u tal-VAT u għalhekk il-lanċja kienet soġġetta għall-qbid, u dan b'mod tassattiv, ai termini tal-Artikoli 60, 68, 69 tal-Kap 37 kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta.

(2) Illi t-taxxi li kellhom jitħallsu fuq dawn is-sigaretti kienu jammontaw għal total ta' (€82,503.39) tnejn u tmenin elf, ħames mija u tlieta u disa u tletin ċenteżmu.

(3) Illi dawn huma proceduri in rem għar-rilaxx ta' l-imsemmija sigaretti u tal-lanċja maqbuda ai termini tal-Artiklu 72 et seq tal-Kap 37 u għalhekk il-kwistjoni hi jekk l-oġġetti ġewx maqbuda skond il-liġi, u jekk effettivament l-istess lanċja kinetx il-mezz tal-ġarr ta' oġġetti li kienu se jiddaħħlu f'Malta b'mod irregolari u bi ksur tal-liġijiet doganali u fiskali. Inoltre, dan seħħ del resto anke fuq ammissjoni ta' l-istess rikorrent Carmelo Grech li inġieb lura skortat minn lanċja tal-Membri tal-Forzi Armati wara li kien daħal fil-Port il-Kbir u x'ħin kien viċin ħafna tal-moll fejn kien se jorbot u instemgħet persuna tgħajjat li hemm l-uffiċċjali tad-Dwana, f'daqqa waħda ħarab bil-lanċa minn fuq il-post, kif se jiġi ippruvat fit-trattazzjoni tal-azzjoni odjerna.

Semgħat il-provi mressqa u d-dokumenti esibiti;

Rat in-Nota tal-konvenut li permezz tagħha esebixxa garanzija bankarja in sostituzzjoni tal-lanċa Mae Yemanja ai termini tal-Artiklu 72(4) tal-Kap 37 (fol 196) esibita wara li l-kawża ġiet iddiferita għas-sentenza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Diċembru 2018 (fol 214) fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa') vs Carmelo sive Charles Grech, ukoll esibita wara li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut permezz ta' Nota ta' Qbid numru 46/2012 qabad kunsinna ta' sigaretti li sab abbord il-bastiment MAE YEMANJA proprjeta` ta-soċjeta attriċi misjuq mill-attur li tiegħu kien il-Kaptan u dan fuq suspett li s-sigaretti ma kinux sejrin jiġu ddikjarati mad-Dwana u ssekwestra wkoll l-bastiment ai termini tal-Ordinanza tad-Dwana. L-atturi qegħdin jallegaw li l-imsemmija sekwestri saru b'mod arbitrarju u inġust u għalhekk għandhom jiġu revokati. Talab ukoll il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni u sussidjarjament, it-tnaqqis tal-valur tas-sigaretti u tad-dazju relattiv;

Illi jirriżulta li bejn il-15 u s-16 t'April 2012 l-attur kien daħal fil-Port il-Kbir, Valletta. Waqt li kien fi triqtu lejn Malta avża lit-turretta ta' Malta li tagħtu l-permess jidħol u jitrakka ma' Fuel Wharf, taħt Kordin. Id-Dwana u l-aġent tal-vapur kienu avżati bid-dħul li kien se jsir. Meta l-bastiment qorob lejn ix-xatt, f'daqqa waħda reġa' lura, u reġa' ħareġ mill-Port. Skont l-attur, dan sar għaliex kellu l-ħsara fil-pitch tal-propellor u beża' li jekk jitrakka jagħmel il-ħsara. Talab u kiseb permess mingħand it-Turretta biex jerġa' joħroġ. Sadanittant tad-Dwana, li kienu lesti fejn kellu jitrakka l-bastiment, ħasbu ħażin meta raw il-manuvra mhux tas-soltu. Jistqarru wkoll li semgħu lil xi ħadd mhux identifikat jgħajjat li kien hemm tad-Dwana u li kien f'dan il-mument li l-bastiment dawwar ir-rotta. Għamlu rapport. Il-bastiment reġa' lura x-xatt akkumpanjat mill-Forzi Armati ta' Malta. Sar tiftix fuqu u nstabu s-sigaretti. Interrogat fid-Depot tal-Pulizija, u mistoqsi mill-ispettur Gafa għad-dokumenti, l-attur kien pront ħariġhom u tahomlu. Fid-dokumenti kien hemm imniżżel il-kelma "nil" ingassata u sostitwita bl-ammont ta' sigaretti li fil-fatt kien hemm fuq il-bastiment. Skont l-attur, is-sigaretti kien xtrahom minn Cipru u pprova jbiegħhom il-Libya iżda ma ħellewħx. Imbagħad biegħ parti kbira minnhom fuq il-baħar lil vapur li ma identifikax. L-aġent irċieva struzzjonijiet mill-bastiment biex ibiddel il-kelma "nil" wara li l-vapur reġġa' lura minn mal-moll. Jistennew lill-attur fuq il-moll kien hemm martu u ibnu. L-attur stqarr mal-ispettur Gafa li kien bi ħsiebu jbiegħ is-sigaretti f'Malta iżda jsostni li dan għamlu għax l-ispettur heddu li kien se jarresta lil martu u lil ibnu. Jgħid li d-ditta tas-sigaretti mhix magħrufa f'Malta u mhux kummerċjabbli hawnhekk. L-ispettur ċaħad din l-allegazzjoni. L-ispettur mexa mal-liġi kif kienet dak iż-żmien u ta l-opportunita lill-attur ikellem avukat qabel ma beda l-interrogazzjoni; iżda mhux waqt li kienet għaddejja.

L-attur għadda minn proċeduri kriminali konsistenti f'diversi akkużi relatati mal-importazzjoni illegali tas-sigaretti. Ġie liberat b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-21 ta' Mejju 2018. Dik il-Qorti skartat l-ammissjoni fl-istqarrija lill-Pulizija minħabba sentenza kostituzzjonali (mogħtija minn din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha u li iktar tard ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru, 2018) li ddikjarat li stqarrija mhux fil-preżenza tal-avukat tkun nulla. Sentenza li ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Diċembru 2018 li ġiet esibita a fol 214 tal-proċess meta din il-kawża kienet diġa mħollija għas-sentenza.

Illi b'danakollu, in-nullita` ta' stqarrija lill-Pulizija għall-fini tal-proċess kriminali ma jfissirx li ma tiswiex għall-fini tal-proċess ċivili. F'dik l-istqarrija, l-attur ammetta li kellu l-intenzjoni li jimporta s-sigaretti f'Malta mingħajr ma jiddikjarahom. Għalhekk din il-Qorti għandha għad-disponibilita` tagħha prova li l-Qorti in sede kriminali ma kellhiex - ir-reġina tal-provi. L-attur stqarr li għamel l-ammissjoni billi ġie suġġerit mill-ispettur Gafa li kien sejjer jinterroga lil martu u lil ibnu. Din il-Qorti ssibha diffiċli temmen lill-attur li huwa ammetta t-tort biex jipproteġi lill-familjari tiegħu. Huwa mar oltre u saħansitra semma' l-prezzijiet li bihom kien sejjer ibiegħ dawn is-sigaretti. Fejn dehrlu li ma jagħtix informazzjoni ma beżax jirrifjuta li jagħtiha, bħall-identita` tal-vapur li allegatament ħatt is-sigaretti għal fuqu f'nofs ta' baħar għajr dawk li kellu meta daħal fil-Port il-Kbir; jew lil min kien se jbiegħ dawn is-sigaretti (fol 92). Dan żgur ma kienx xenarju fejn l-Ispettur interrogatur kien qiegħed jippressa indebitament lill-attur biex jammetti ħwejjeġ li ma kinux veri. Tenut kont ta' din l-ammissjoni, din il-Qorti tista' tieqaf hawn.

Illi b'danakollu, kważi għal kollox independentement mill-istqarrija lill-Pulizija, xorta waħda jirriżultaw provi sal-grad ta' probabilita`, kif rikjest f'kawża ċivili. Tabilħaqq, fil-proċeduri penali kontra l-attur, il-Qorti tal-Appell ħasset li kellha tirrimarka li kienet taqbel mal-ewwel Qorti li "**l-prosekuzzjoni waslet sal-grad tal-probabbli iżda mhux ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni**";

Illi din il-Qorti, li semgħet il-provi mressqin quddiem il-Qorti kriminali ex novo, taqbel perfettament mal-konklużjoni tal-istess Qorti li fuq bażi ta' probabilita` l-attur kien qiegħed jipprova jdaħħal is-sigaretti llegalment f'Malta. Il-Qorti tinnota kif:

(i) minkejja li r-raġuni li ġiebu l-atturi biex jispjegaw il-manuvra tagħhom kienet li l-vapur kellu xi ħsarat, ma ġiebu l-ebda xhud biex jikkonferma din il-ħsara minkejja li fost il-lista tax-xhieda hemm imniżżel "Yaser ta' nazzjonalita` Egizzjana impjegata bħala inġinier abbord il-bastiment" (fol 4). Barra minn hekk, il-bastiment daħal lura l-port ibaħħar b'mod regolari u mingħajr għajnuna mill-Forzi Armati li kienu qegħdin jakkumpanjawh lura fil-port. Kemm l-uffiċċjali tad-Dwana kif ukoll l-uffiċjal tat-turretta xehdu li ma kienx soltu li bastiment li jkollu problema fil-magni jerġa' joħroġ barra mill-Port, speċjalment billejl.

(ii) ix-xhieda tal-uffiċċjal tad-Dwana Saviour Balzan (fol 133) li sema' leħen iwissi bil-preżenza tagħhom minnufih qabel ma l-bastiment reġa' tbiegħed minn mal-moll fejn kien sejjer jitrakka. Dan ikkonfermaħ l-attur innifsu fl-istqarrija li għamel lill-pulizija (fol 92)

(iii) il-bastiment dam madwar għaxar minuti sabiex daħal mill-breakwater salmoll fejn kellu jitrakka, iżda ħareġ 'il barra fi tlett minuti (xhieda tal-uffiċċjal tad-Dwana Saviour Balzan a fol 135)

evidentement b'veloċita` ferm ogħla minn dik permessa fil-port. Konsapevoli ta' dan, l-attur xehed li ħareġ "dead slow" (fol 10 108). Dan meta allegatament kien bil-ħsara u seta' kien ta' periklu għal biċċiet tal-baħar oħrajn fil-port. Atteġġjament dan ta' bniedem li ried jiskappa mill-iktar fis biex jgħatti xturu. Fil-fatt ma rrappurtax meta ħareġ mill-breakwater kif suppost jagħmel (xhieda ta' Victor Muscat, operatur tat-Turretta a fol 184) u ma rrispondiex lil tat-turretta meta ħareġ 'il barra mill-port: "Għajjattlu kemm-il darba u ma rrispondiex" (fol 123).

(iv) l-attur, in kontro-eżami (fol 112) stqarr li l-informazzjoni dwar is-sigaretti għaddiha lill-aġent Joseph Said (li kien jistennih fuq ix-xatt) "mill-bidunett... konna għadna lanqas dħalna l-ewwel darba". Dan hu kontradett minn Joseph Said innifsu li xehed li rċieva l-istruzzjonijiet biex iniżżel is-sigaretti wara li l-bastiment kien daħal u ħareġ mill-port (fol 168).

(v) Jerome Azzopardi, uffiċjal tad-Dwana ċaħad dak li allega l-attur u ċjoe`:

- li ġie avżat minn qabel li dieħel bastiment bid-drogi jew armi fuqu (fol 148)

- li qal lill-attur li ma kinux qegħdin ifittxu għas-sigaretti (fol 149).

**Valur tas-sigaretti**

Il-valur li l-konvenut ta lis-sigaretti hu ta' €13,241.40 għalkemm ma jirriżultax kif wasal għalih (fol 8). L-attur wera li normalment is-sigaretti in kwistjoni kienu jinbiegħu bejn $95 u $130 kull kartuna (fol 71) u li hu xtrahom bil-$115-il kartuna (invoice a fol 41 rilaxxjat minn Sabah Shiping (sic) and Trading L.T.D. – Famagusta Free Port datat 16.05.2012 – dokument li ġabu **wara** li mporta s-sigaretti u kkonfermati mill-attur a fol 82) – Total: $5,290. Il-konvenut ma miera bl-ebda mod dan il-valur. Il-Qorti ħadet ir-rata tal-kambju ta' 1US $ = €0.89. Għalhekk : $5,290 = €5,943.82. Għalhekk proporzjonalment:

| Valur | Sisa | Dazju Importazzjoni | VAT | Total taxxa |
|---|---|---|---|---|
| €13241.40 | €60,271,20 | €7727.05 | €14,605.14 | €82,603.39 |
| €5,943.82 | €27,049.71 | €3,467.9 | €6,554.79 | €37,112.40 |

Illi l-attur ma ġab l-ebda prova ta' xi danni li jallega li sofra.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) tiċħad l-ewwel, it-tielet u r-raba' talba.

(2) tilqa' l-ħames talba billi tirriduċi l-valur tat-taxxa għas-somma ta' €37,112.40 komputata kif fuq indikat.

(3) tilqa' t-tieni talba billi tordna r-rilaxx ta' kull oġġett jew merkanzija miżmuma skont in-Nota ta' Qbid numru 46/2012 40 u r-rilaxx u tal-garanzija bankarja fuq imsemmija relatata mal-bastiment fi żmien xahar minn meta jitħallas id-dazju u taxxi oħra fuq il-valur ta' €37,112.

L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mill-attur."

**<u>L-APPELL PRINĊIPALI tal-atturi (23.07.2019):</u>**

5. L-aggravji tal-atturi huma, in suċċint, is-segwenti:

(i) <u>L-ewwel aggravju</u> tagħhom jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti kkunsidrat bħala prova ammissibbli l-kontenut tal-istqarrija meħuda mill-Pulizija meta ma kienx hemm assistenza tal-avukat. Ifakkru li kienet l-istess Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li rriteniet li stqarrija mhux fil-preżenza tad-difensur hija nulla u jenfasizzaw li ġie kkonfermat f'diversi istanzi minn varji Qrati Maltin u Ewropej u Internazzjonali li tali prova hija inammissibbli.

(ii) <u>It-tieni aggravju</u> tagħhom jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti skartat l-insenjament u l-każistika konsistenti fuq l-ammissibilita` tal-prova tal-istqarrija meta hija kkunsidrat u kellha fl-atti proċesswali tal-kawża d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Kriminali) fis-6 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża *Il-Pulizija v. Carmelo sive Charles Grech 255/2018* (fol 214). Jilmentaw li l-ewwel Qorti ħasset li l-prinċipji tal-

ġustizzja sanċiti mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem setgħu jingħataw interpretazzjoni differenti jekk meħuda fil-kuntest ċivili a distinzjoni mill-kuntest kriminali.

(iii) Fit-tielet aggravju tagħhom jargumentaw li "*quod nullum est nullum producit effectum*". Jargumentaw illi ladarba l-istqarrija ma kinitx regolari u legittima, l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tieħu l-kontenut tagħha bħala prova ammissibbli.

(iv) Fir-raba' aggravju tagħhom jargumentaw li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija nulla in kwantu "*ordnat rilaxx tal-garanzija bankarja li bir-rispett ma kinitx parti mill-atti.*" Jispjegaw li matul is-smigħ tal-kawża kien sar depożitu ta' €26,000 in sostituzzjoni tal-bastiment u mhux garanzija bankarja. Fi kwalunkwe każ jgħidu li l-konvenut għandu jiġi ordnat jirrifondi u jħallas lura l-imsemmi ammont ta' €26,000.

Bħala danni eventwali jirreferu għall-valur tas-sigaretti distrutti fl-ammont ta' €5,943, u jsemmu l-ħsarat inġenti fil-bastimenti maqbud inġustament u t-telf ta' xogħol għall-perjodu li dam maqbud.

Jilmentaw ukoll li huwa kontra kull sens li jintalbu jħallsu d-dazji u taxxi fir-rigward tal-merkanzija rilaxxata meta tali merkanzija hija definittivament skaduta.

Jgħidu li aggravju ulterjuri (għalkemm isemmuh ukoll taħt ir-raba' aggravju) huwa l-fatt li l-valur tal-merkanzija ma' kienx ta' €37,112 (li huwa l-ammont totali ta' taxxa li kellu jkun *se mai* dovut kieku s-sigaretti ġew importati) iżda ta' €5,943.

**<u>Risposta tal-appell u APPELL INĊIDENTALI tad-Direttur Ġenerali (Dwana) (13.08.2019):</u>**

6. Il-konvenut id-Direttur Ġenerali (Dwana) wieġeb biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex l-appell tal-atturi huwa nfondat u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti (għalkemm jirrimetti ruħu dwar parti mir-raba' aggravju limitatament fejn għandu x'jaqsam mal-fatt li s-€26,000 kienu tħallsu permezz ta' depożitu u li ma kienx hemm garanzija bankarja fir-rigward); in oltre bl-applikazzjoni tal-Art. 240 huwa appella inċidentalment mis-sentenza tal-ewwel Qorti.

7. L-aggravji tiegħu huma s-segwenti:

(i) <u>L-ewwel aggravju</u> tiegħu huwa li l-ewwel Qorti ma mmotivatx l-akkoljiment tat-tieni talba. Jilmenta li l-akkoljiment tat-tieni talba jikkontradixxi ċ-ċaħda tal-ewwel talba. Jargumenta li ladarba n-noti ta' qbid kienu kkonfermati mill-ewwel Qorti stess, ma seta' qatt jiġi ordnat

ir-rilaxx tal-oġġetti maqbuda bl-istess noti.

(ii) It-tieni aggravju tiegħu jirrigwarda l-komputazzjoni tad-dazju u t-taxxa dovuti. Mhux biss ma jaqbilx mal-komputazzjoni tal-ewwel Qorti iżda jargumenta li ladarba l-ewwel Qorti kienet konvinta li l-atturi kienu intenzjonati li jevadu t-taxxa, ma kellhiex għalfejn tidħol fil-kwistjoni tal-komputazzjoni, għax il-merkanzija u l-lanċa in kwistjoni kellha tibqa' maqbuda. Jgħid li huwa perpless kif il-ħames talba ġiet akkolta. Mingħajr preġudizzju għas-suespost jgħid li bl-eżerċizzju li għamlet l-ewwel Qorti, fejn ivvalutat il-merkanzija hi, u konsegwentement irriduċiet it-taxxa minn €82,603.39 (kif indikata fuq in-nota ta' qbid) għal €37,112.40 ġiet li daħlet fiż-żarbun tal-Awtorita` tad-Dwana u arrogat fuqha poteri deċiżjonali li jispettaw biss lill-Awtorita` tad-Dwana. Jaċċenna għar-Regolament 2 tat-Tielet Skeda tal-Kap 382 fis-sens li meta d-Dwana ma tingħata l-ebda prezz mill-importatur dwar it-tabakk manifatturat *ai fini* ta' dazju, id-Dwana hija mogħnija bl-awtorita` li tagħmel il-verifiki u t-tfittix hi stess sabiex tistabbilixxi l-prezz tas-suq. Jenfasizza li fil-każ odjern ma ġew ippreżentati l-ebda fatturi fil-mument li l-uffiċjali tad-Dwana telgħu abbord u jsostni li l-ewwel Qorti ma setgħetx tikkunsidra fatturi tas-sigaretti li ġew ippreżentati **wara**. Jgħid li anke kieku din il-Qorti kellha ssib li fatturi ġew ippreżentati wara kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni, dawn xorta ma kellhomx jitqiesu minħabba nuqqasijiet dwar il-veraċita` tagħhom. Jgħid li *se mai* kellha

ssir talba biex jiġi kkunsidrat il-valur.

8. Minkejja li fis-16 ta' Awwissu, 2019, l-atturi ġew debitament notifikati bir-risposta tal-appell u bl-appell inċidentali tad-Direttur Ġenerali (Dwana) ma jidhirx li ppreżentaw ir-risposta relattiva tagħhom.

**Sfond:**

9. Dan il-każ jirrigwarda episodju li seħħ mal-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' April, 2012, meta l-attur Carmelo Grech, kaptan tal-lanċa MAE YEMANJA (proprjeta` ta' Gulf Fisheries Ltd), wasal Malta bl-imsemmija lanċa mil-Libja. Skontu, meta kien qed joqrob lejn il-Port il-Kbir ottjena l-permess mit-turretta sabiex jitrakka *Fuel Wharf*. Qal li meta ġie biex jidħol fil-Port il-Kbir "*kellna ħsarat fil-variable pitch control tal-iskrun*" u meta kien ser jittrakka ma ħassux komdu jittenta jittrakka għaliex beża' li kien ser jagħmel il-ħsara. Għalhekk talab u ottjena l-permess tat-turretta sabiex joħroġ mill-Port il-Kbir. L-uffiċjali tad-Dwana li kienu qiegħdin jistennew il-lanċa fil-post fejn kellha titrakka, hekk kif rawha terġa' titlaq 'il barra mill-Port il-Kbir ħasbu ħażin. Sar rapport u l-lanċa ġiet akkumpanjata lura mill-Forzi Armati.

10. L-attur xehed li kif trakkaw mill-ewwel iddikjaraw li kellhom 46 kaxxa sigaretti abbord. (Spjega li kien għabba minn Ċipru 1,000 kaxxa

sigaretti tad-ditta Walton u Kapitol. Qal li dawn ma kinux intiżi għall-bejgħ f'Malta għaliex m'hemmx suq għalihom f'Malta u l-Ewropa, u li meta kienu fil-*Freezone area* ta' Misurata fil-Libja ħattewhom minn fuq il-lanċa sabiex jgħabbuhom fuq vapur ieħor. Kompla jgħid li peress li tali vapur ma kienx ingħata struzzjonijiet biex jidħol il-Libja reġgħu għabbew is-sigaretti abbord il-lanċa sabiex isir trasbord fuq tali vapur *at High Seas*. Qal li l-uniku sigaretti li ma kinux irnexxielhom jitrasferixxu abbord – minħabba l-maltemp u ċ-ċaqliq - kienu proprju s-46 kaxxa li daħlu bihom Malta.)

11. Qal li wara li trakkaw Malta saret tfittxija fuq il-lanċa. Qal li tad-Dwana kienu qalulu li ma kinux qed ifittxu għas-sigaretti u li kellhom rapport fuq armi ġejjin mil-Libja. Qal li meta spiċċat it-tfittxija, ħadulu s-sigaretti minkejja li kellu d-dokumenti relattivi għalihom. Sussegwentement ġie arrestat u nterrogat id-Depot. Huwa ngħata l-opportunita` li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni iżda mhux waqt li kienet għaddejja, kif kienet il-liġi dak iż-żmien.

12. L-attur jgħid li waqt l-interrogazzjoni li għamillu l-Ispettur Angelo Gafa dan tal-aħħar talbu d-dokumentazzjoni relattiva għas-sigaretti u huwa għaddihielu. Qal li l-istess Gafa' kien staqsih għaliex ma kienx għaddiha mal-ewwel lid-Dwana, iżda spjega li dan ma kienx għamlu għaliex ma kienx ġie mitlub direttament jgħaddi tali dokumentazzjoni. Isostni li l-ispettur *"beda' jinsisti li nammetti illi s-sigaretti kont sejjer*

*inbiegħhom sabiex niġbor il-pagi*". Kompla jgħid li kien qallu li jekk ma jikkonfermalux dan kien ser jarresta lill-mara u lit-tfal tiegħu (allegazzjoni miċħuda mill-ispettur). Qal li martu tbati mill-*panic attacks* "u *naf żgur li tmutli hemm ġew jekk jarrestawha*", u lil ibnu ma riedx idaħħlu fil-*"martirju ta' dawn l-interrogazzjonijiet"* u għalhekk iffirma l-iskrittura; pero` sostna li l-verita` hija waħda: li huwa kellu s-sigaretti bis-sewwa u li kienu dikjarati skont il-liġi.

13. Dakinhar il-Kontrollur tad-Dwana <u>ssekwestra kemm s-sigaretti</u> (nota ta' qbid 46/2012, fejn il-valur tal-merkanzija ġiet ivvalutata mill-istess Kontrollur fl-ammont ta' €13,241.40) <u>u kif ukoll il-lanċa</u> (nota ta' qbid 47/2012, fejn il-valur ġiet indikat bħala €35,000).

14. Sussegwentement l-attur Carmelo Grech għadda minn <u>proċeduri kriminali</u> relatati mal-importazzjoni illegali tas-sigaretti. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-21 ta' Mejju, 2018, fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa') v. Carmelo sive Charles Grech, 255/2018,*** il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabitu mhux ħati tal-imputazzjonijiet kontrih u lliberatu skont il-liġi. Hija skartat l-ammissjoni fl-istqarrija abbażi ta' sentenza kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella, Ref. Kostituzzjonali 104/2016,*** mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2017, mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) li ġiet ikkonfermata mill-

Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Diċembru, 2018, fejn ġie dikjarat li stqarrija mogħtija mhux fil-preżenza tal-avukat hija nulla. Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Diċembru, 2018, fejn qalet li:

> *"Din il-qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kienet legalment u raġonevolment korretta meta nonostante l-fatt li hemm numru ta' fatturi suspettużi b'rabta mal-imputat u l-movimenti tiegħu bejn il-lejl tal-ħmistax (15) u s-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha meta kkunsidrat li l-prosekuzzjoni waslet biss sal-grad tal-probabbli iżda mhux ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni."*

15. Permezz tal-azzjoni odjerna intavolata fit-2 ta' Ottubru, 2012, l-atturi talbu li jiġi dikjarat li n-noti ta' qbid tal-merkanzija u tal-lanċa nħarġu nġustament u li għalhekk għandhom jiġu revokati. Talbu wkoll ir-rilaxx tal-merkanzija u tal-lanċa (jew tal-garanzija u depożitu tal-valur reklamat mill-konvenut li jista' jinsab depożitat in sostituzzjoni tal-lanċa). Alternattivament, talbu li n-noti jiġu dikjarati rregolari fir-rigward tal-valur indikat fihom: kwantu għas-sigaretti (u d-dazju relattiv) isostnu li l-valur għandu jiġi ridott, għalkemm ma jgħidux kemm, u kwantu għall-valur tal-lanċa jsostnu li kull somma depożitata flok il-valur ta' €35,000 għandha tiġi ridotta għal €15,000 u għalhekk għandu jkun hemm rimbors ta' €20,000 bilanċ. Talbu wkoll il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni konsegwenzjali għall-qbid.

16. L-ewwel Qorti fil-kawża odjerna qieset li n-nullita` ta' stqarrija għall-finijiet ta' proċeduri kriminali ma jfissirx li ma tiswiex għall-finijiet ta'

proċeduri ċivili. Ikkunsidrat li l-verżjoni ta' Carmelo Grech fis-sens li huwa ammetta t-tort biex jipproteġi lill-familja tiegħu ma kinitx konvinċenti. Enfasizzat li anke "*kważi għal kollox indipendentement mill-istqarrija*" xorta jirriżultaw provi sal-grad tal-probabbilta` li l-attur kien qed jipprova jdaħħal is-sigaretti illegalment f'Malta. F'dan ir-rigward aċċennat għall-fatt li saħansitra l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qablet mal-Qorti tal-Maġistrati li l-prosekuzzjoni waslet sal-grad tal-probabbli iżda mhux ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni.

17. Wara li rriżultalha li l-noti ta' qbid inħarġu ġustament, hija qieset li l-valur tas-sigaretti kien ta' €5,943.82 (taxxa totali €37,112.40) u mhux ta' €13,241.40 (taxxa totali €82,603.39) kif stabbilit mill-konvenut fuq in-nota ta' qbid relattiva. Hija mbagħad ordnat ir-rilaxx tal-merkanzija u tal-garanzija bankarja fuq il-lanċa fi żmien xahar minn meta titħallas it-taxxa totali ta' €37,112.40 kif ikkalkulata minnha. Kwantu għad-danni osservat li ma tressqet l-ebda prova fir-rigward u għalhekk ma llikwidat l-ebda ammont.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

18. L-ewwel tliet aggravji tal-atturi appellanti jirrigwardaw l-istqarrija mogħtija minn Carmelo Grech lill-pulizija. Huma jsostnu li kienet skorretta l-ewwel Qorti meta rriteniet li għaliex stqarrija tkun nulla għall-finijiet ta'

proċeduri kriminali ma jfissirx li ma tiswiex ukoll għall-finijiet ta' proċeduri ċivili. Jagħmlu referenza għall-każistika li tissemma fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Diċembru, 2018 (li kopja tagħha tinsab fl-atti a fol 214 *et seq*) u jsostnu li l-insenjament ta' tali każistika japplika għal proċeduri ċivili, kostituzzjonali u kriminali b'mod indistint. Jgħidu li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiskarta l-inammissibilita` ta' prova ottjenuta b'mod li l-Qrati kollha, kemm lokali u kemm internazzjonali, jikkonfermaw li tikser id-drittijiet tal-persuna.

19. Jibda biex jingħad li l-kunsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Diċembru, 2018, fir-rigward tal-istqarrija kienu kollha b'referenza għall-proċeduri kriminali li kellha quddiemha u bl-ebda mod ma jimpinġu fuq il-kawża odjerna. Kif jargumenta l-konvenut appellat, mhumiex korretti l-atturi appellanti meta jargumentaw li l-insenjament tal-qrati fil-każistika li tirreferi għaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali huwa applikabbli f'kull *sede* b'mod indistint; fil-fatt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem jikkontempla salvagwardji partikolari f'proċeduri kriminali.

20. Ovvjament ma jfissirx li kull stqarrija li ma tkunx ammissibbli f'proċeduri kriminali hija allura ammissibbli f'proċeduri ċivili. Jekk il-Qorti f'proċeduri ċivili ma tkunx konvinta li l-istqarrija saret bil-kunsens ħieles tal-persuna arrestata (fejn per eżempju ikun hemm pressjoni, jew

promessa ta' benefiċċju) m'għandhiex ittiha piż. Fil-fatt l-ewwel Qorti f'dawn il-proċeduri għamlet id-debiti kunsiderazzjonijiet fir-rigward. B'referenza għall-allegazzjoni ta' Grech li huwa ħassu kostrett jagħmel tali stqarrija għaliex l-ispettur Gafa' ssuġġerielu li altrimenti kien ser jinterroga lil martu u lil ibnu (allegazzjoni miċħuda mill-istess Gafa') hija dehrilha li dan ma kienx verosimili: qieset li fejn Grech ma riedx jagħti informazzjoni, ma beżax jirrifjuta li jagħtiha, bħal per eżempju dwar l-identita` tal-vapur li allegatament kien ħatt il-biċċa l-kbira tas-sigaretti li kellu għal fuqu fil-*High Seas*, jew dwar lil min kien ser ibiegħ is-sigaretti. Qieset li dan ma kienx xenarju li jindika li l-ispettur kien qed jippressah biex jammetti ħwejjeġ li ma kinux veri.

21. Anke jekk wieħed ma jqisx ir-referenza fil-paragrafu (2) għall-istqarrija tal-attur (fejn qal li ppanikkja meta sema' li kien hemm l-uffiċjali tad-Dwana u dar lura) il-fatturi elenkati mill-ewwel Qorti ċertament li jikkostitwixxu prova għallinqas fuq bilanċ ta' probabilitajiet li l-attur kien qed jipprova jdaħħal is-sigaretti illegalment. In oltre, kif josserva l-konvenut appellat, ma hemm l-ebda aggravju da parti tal-atturi fir-rigward tal-fuq imsemmija kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti.

22. Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk, ma hemm l-ebda raġuni biex din il-Qorti tiċċensura l-konklużjoni tal-ewwel Qorti in kwantu rriżultalha li l-attur ipprova jdaħħal is-sigaretti f'Malta illegalment.

23. Jonqos li jiġu kkunsidrati l-aggravji taż-żewġ partijiet relatati ma' dik il-parti tas-sentenza fejn ġie ordnat ir-rilaxx tal-merkanzija u r-rilaxx tal-garanzija bankarja relatata mal-lanċa wara li l-atturi jħallsu s-somma ta' €37,112.40 rappreżentanti t-taxxa fuq il-valur tal-merkanzija kif ridott mill-ewwel Qorti.

24. Minn naħa waħda l-atturi jsostnu li l-konvenut għandu jirrifondi s-somma ta' €26,000 li ġiet depożitata in sostituzzjoni tal-lanċa (jippreċiżaw li non *si trattava* ta' garanzija bankarja kif fehmet li kien hemm l-ewwel Qorti, iżda ta' depożitu ta' €26,000[1]), u li għandhom ikunu eżentati milli jħallsu xi dazju/taxxi fuq is-sigaretti *stante* li dawn ġew distrutti u *stante* li ladarba kienu dikjarati setgħu jibqgħu *in bonds* u ma jkunx skatta l-obbligu li jitħallas dazju; min-naħa l-oħra l-konvenut fl-appell inċidentali tiegħu jsostni li ladarba rriżulta li n-noti ta' qbid ħarġu ġustament, l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' t-tieni talba u tordna r-rilaxx tal-merkanzija u tal-valur tal-garanzija bankarja (jew rifużjoni tad-depożitu mħallas) fuq il-lanċa. Jargumenta li l-akkoljiment tat-tieni talba huwa kontradittorju għaċ-ċaħda tal-ewwel talba.

[1] Jirriżulta li fit-22 ta' April, 2016, in segwitu għall-ħlas ta' €26,000 (*bank draft*) da parti ta' **Carmelo Grech** lid-**Direttur Ġenerali (Dwana)** *ai termini* tal-Art. 72(4) tal-Kap 37 ġiet ikkunsinnata lura l-lanċa in kwistjoni. Is-somma tħallset "*sabiex tagħmel tajjeb għal kull pretensjoni li jista' tintalab dwarha skont il-liġi, u għall-fini ta' kull proċedimenti, inkluż proċeduri kriminali fil-kawża "Il-Pulizija v. Carmelo Grech (KI93255M)" relatati mal-bastiment ċitat u meħuda taħt din l-Ordinanza, għandha tirrappreżenta u tissostitwixxi l-imsemmi bastiment.*" (Ara nota tal-konvenut datata 30.05.2016 f'dan ir-rigward, fol 196 *et seq*)

25. Ir-raġuni mogħtija fuq in-<u>nota ta' qbid 46/2012</u> għall-qbid tas-sigaretti hija:

> "*importazzjoni ta' sigaretti kontra l-liġi bi ksur tal-Artiklu 60(b)(h)(k) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, kif ukoll l-Artiklu 17(1)(a)(d) tal-Kap 382, tal-Liġijiet ta' Malta*".

Ir-raġuni mogħtija fuq in-<u>nota ta' qbid 47/2012</u> għall-qbid tal-bastiment (lanċa) hija għaliex:

> *"intuża bħala mezz ta' ġarr ta' oġġetti suġġetti għall-konfiska taħt l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa bi ksur tal-Artikli 68(1), 69(1)(2) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 u kif ukoll tal-Artiklu 17(2) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, tal-Liġijiet ta' Malta."*

26. L-Artikoli ċitati fl-imsemmija noti jaqraw hekk:

<u>Ordinanza tad-Dwana, Kap 37:</u>

*"**60**. (1) Bla ħsara ta' dak li jingħad espressament f'liġijiet oħra –*

*…*

*(b) jekk oġġetti li tagħhom hija pprojbita jew limitata l-importazzjoni jiġu importati jew imdaħħlin f'xi parti ta'Malta; jew*

*…*

*(h) jekk oġġetti suġġetti għal dazju jew għal limitazzjoni dwar l-importazzjoni, jew li l-importazzjoni tagħhom f'Malta hija ipprojbita, sew qabel jew wara l-iżbark, jinsabu jew jinkixfu li huma jew li ġew moħbija, b'xi mod, abbord ta' bastiment, fil-limiti ta' Malta; jew*

*…*

*(h) jekk oġġetti jkunu mportati minn xi persuna li tkun xjentement imdaħħla f'xi evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni frawdolenti ta' xi dazji tad-dwana, jew tal-liġijiet u restrizzjonijiet ta' dwana, dwar l-importazzjoni, ħatt, trasbord, żbark u kunsinna ta'oġġetti jew b'kull mod ieħor li jmur kontra din l-Ordinanza, f'kull każ bħal dan, l-oġġetti hawn fuq imsemmija għandhom jiġu kkonfiskati, flimkien ma':*

*(i) l-oġġetti l-oħra kollha li jkunu jiffurmaw magħhom oġġett sħiħ, anke jekk b'xi mod ikunu separabbli jew jistgħujinqalgħu jew jinfirdu; u*

*(ii) l-oġġetti l-oħra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati magħhom; u*

*(iii) l-oġġetti l-oħra kollha li jkunu ġew użati biex jaħbuhom.*

***68**. (1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunximħallas jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska għandhom jiġu kkonfiskati:*

*Iżda, ebda bastiment ma jkun suġġett għal konfiska taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jekk ma jkunx ta' purtata anqas minn mitejn u ħamsin tunnellata.*

***69.** (1) Il-bastimenti, l-oġġetti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali jew ħwejjeġ oħra suġġetti għal konfiska, jistgħu jiġu maqbuda f'kull lok, sew fuq l-art kemm fuq il-baħar, minn kull uffiċjal tad-dwana jew tal-Pulizija, u meta dawn il-bastimenti, oġġetti, vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr flimkien maż-żwiemel u annimali u ħwejjeġ oħra jiġu hekk maqbuda, għandhom jitqiegħdu minnufih taħt idejn il-Kummissarju jew b'xi mod ieħor jitpoġġew f'qagħda sikura fejn il-Kummissarju jkollu kontroll.*

*(2) Fil-konfiska ta' bastimenti, vetturi jew annimali jitqiesu li jidħlu l-armar, il-għodod u t-tagħmir tagħhom, u fil-konfiska ta'oġġetti jitqiesu li jidħlu l-kollijiet li fihom jinsabu l-oġġetti u dak kollu li l-kollijiet ikun fihom."*

<u>Att Dwar id-Dazju tas-Sisa, Kap 382</u>

*"**17** (1) Jekk oġġetti tad-dazju tas-sisa –*

*(a) jiġu depożitati jew jinħbew f'xi post bil-għan li ssir frodi kontra l-Gvern għar-rigward tad-dazju tas-sisa li għandu jinġabar bis-saħħa ta' dan l-Att; jew*

*….*

*(d) jiddaħħlu Malta u ssir evażjoni mill-ħlas tad-dazju tas-sisa, jew isir attentat biex issir dik l-evazjoni,*

*f'kull każ bħal dan, dawk l-oġġetti tad-dazju tas-sisa jiġu konfiskati, flimkien mal-oġġetti l-oħra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati magħhom, jew li jkunu ġew użati biex jaħbuhom, u min jagħmel ir-reat jeħel iktar*

*minn hekk il-pieni stabbiliti fl-artikolu 16.*

*(2) B'żjieda ma' dan, il-vetturi, il-bastimenti jew mezzi oħrata' ġarr, użati jew li ser ikunu użati għal importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fiż-żamma, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt dan l-Att, soġġetti għal konfiska flimkien mal-proprjetà, mobbli jew immobbli, illi fiha jinstabu l-oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkun soġġett għal konfiska, għandhom jiġu konfiskati:*

*Iżda ebda bastiment ma jkun soġġett għal konfiska taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jekk ma jkunx ta' portata anqas minn mitejn u ħamsin tunnellaġġ nett ta' reġistru."*

27. Din il-Qorti tqis li ladarba jirriżulta li każ in eżami kien tentattiv ċar biex jiġi evitat il-ħlas tad-dazji tad-Dwana fuq is-sigaretti in kwistjoni, il-konvenut, abbażi tal-liġijiet suċitati, kellu s-setgħa jaqbad kemm is-sigaretti u kif ukoll il-lanċa li fuqha kienu qed jinġarru l-istess sigaretti. Fil-fatt kif jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, f'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari ta' ksur tal-liġi doganali, il-konfiska tas-sigaretti u tal-lanċa hija waħda mandatorja.

28. Issa l-ewwel Qorti rriżultalha fuq bilanċ ta' probabbilitajiet li kien hemm tentattiv/attentat biex jiġu evitati d-dazji doganali (kif jirriżulta wkoll lil din il-Qorti), u li għalhekk in-noti ta' qbid fir-rigward tas-sigaretti u fir-rigward tal-lanċa ma nħarġux arbitrarjament u nġustament. Tant hu hekk li ċaħdet l-ewwel talba għar-revoka tagħhom. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma kellhiex tordna r-rilaxx tas-sigaretti u tal-garanzija bankarja (jew aħjar tad-depożitu) fuq il-lanċa.

29. Għalkemm jista' jagħti l-każ li minkejja li n-nota ta' qbid tkun ħarġet ġustament, iċ-ċirkostanzi tal-każ ikunu tali li l-Qorti jidhrilha li għandha tilqa' t-talba għar-rilaxx tal-oġġett maqbud (bħal per eżempju kif ġara fil-kawża ***Michael Mangion et v. Kontrollur tad-Dwana*, 1338/2010/MCH,** deċiża fit-12 ta' Marzu, 2013[2], fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet konvinta li minkejja li fuq id-dokumenti doganali tniżżlet informazzjoni skorretta u allura kien hemm diskrepanza bejn dak dikjarat u dak li kien qed jiġi mportat, dan kien żball ġenwin u mhux tentattiv biex jiġi evitat id-dazju), dan evidentement ma kienx il-każ fil-kawża odjerna. Fil-fatt l-ewwel Qorti laqgħet t-talba għar-rilaxx tal-merkanzija u tal-garanzija bankarja fuq il-lanċa mingħajr l-iċken motivazzjoni.

30. Jirriżulta għalhekk li l-ewwel aggravju li ressaq il-konvenut fl-appell inċidentali tiegħu huwa fondat.

31. Isegwi li għandu wkoll raġun il-konvenut meta jargumenta li l-ewwel Qorti lanqas kellha għalfejn tidħol fil-kwistjoni tal-komputazzjoni tad-dazju u taxxa fir-rigward tas-sigaretti (fejn irriduċiet il-valur tat-taxxa totali minn €82,603.39 kif indikat fuq in-nota ta' qbid 46/2013, għal €37.112), ladarba kemm is-sigaretti u kif ukoll il-lanċa kellhom jibqgħu maqbuda.

32. Kwantu għad-danni, fejn l-attur appellant jilmenta li sofra d-

[2] Ikkonfermata minn din il-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2017

distruzzjoni tas-sigaretti tal-valur ta' €5,943.82 kif ukoll ħsarat inġenti fil-bastiment maqbud inġustament u telf ta' xogħol bl-istess bastiment għall-perjodu li dam maqbud, din il-Qorti ma tarax li tali aggravju huwa fondat fiċ-ċirkostanzi. It-tielet talba tiegħu fil-fatt hija għal-likwidazzjoni tad-danni kollha eventwali u konsegwenzjali "*għal dan il-qbid inġust u żbaljat*". Ladarba jirriżulta li l-qabda tas-sigaretti u tal-bastiment kienu regolari u skont il-liġijiet doganali, u ladarba tirriżulta - għallinqas fuq bażi ta' probabbilta` - ix-xjenza tal-attur, m'hemmx danni x'jiġu likwidati.

**<u>DECIDE</u>**

33. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell prinċipali tal-atturi u tilqa' l-appell inċidentali tal-konvenut; u allura qiegħda tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) talba, u tħassarha fejn laqgħet it-tieni (2) u l-ħames (5) talba, u minflok qiegħda tiċħadhom, b'dan illi għal fini tat-tieni talba l-konfiska tad-depożitu hi in sostituzzjoni għal konfiska tal-vapur.

34. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da